MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 477/2005

**APS Bank Limited**

**vs**

**Maria Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija disgha u tmenin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm189.79), dovuti kwantu mija erbgha u tmenin Lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm184.15) bilanc ta’ kont kurrenti numru 12441930016 skond Dok. “A” mal-avviz, kif ukoll hames Liri Maltin u erbgha u sittin centezmi (Lm5.64), bilanc ta’ debitu ta’ “Interest Disposal Account” numru 20000208775, skond Dok. “B” mal-avviz u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas din is-somma izda baqghet inadempjenti.

Ra n-nota ta' Cessjoni tas-socjeta' attrici fejn gie cedut is-sorte izda inzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------